MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2025

Appell numru 66/2024 LM

**Mario Micallef (K.I. Nru. 409370(M))**
*('ir-rikorrent')*

***vs.***

1. **Rosario Falzon (K.I. Nru. 206066(M))**
2. **Vladimir Ivanovic (K.I. Nru. 192726A)**
3. **Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Limited (C 23867)**
4. **White Brothers Limited (C 12609)**

*('l-intimati)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dawn huma tliet appelli, dak prinċipali magħmul mir-rikorrent **Mario Micallef (K.I. Nru. 409370(M))** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'], u tnejn inċidentali magħmulin rispettivament mill-intimat **Vladimir Ivanovic (K.I. Nru.**

**192726A)** u mill-intimat **Rosario Falzon (K.I. Nru. 206066(M))**, liema appelli saru minn lodo arbitrali numru ARB M6234/2021 mogħti fil-11 ta' Lulju, 2024, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], mill-Arbitru l-Avukat Joseph Buttigieg [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'iċ-Ċentru'], fejn it-talbiet tar-rikorrent ġew deċiżi kif ġej:

*(i)* *Jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu diretti konta s-soċjetà White Brothers Limited u kontra s-soċjetà Creations the Ultimate in Bathroom Elegance Limited, billi ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn l-imsemmi rikorrent u l-istess żewġ soċjetajiet kummerċjali.*

*Isegwi illi dawn iż-żewg soċjetajiet ma humiex il-leġittimi kontradditturi tar-rikorrenti u konsegwentement qed jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra ir-rikorrenti.*

*(ii)* *Jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti in kwantu diretta kontra l-intimati Rosario Falzon u Vladimir Ivanovic u jiddikjara illi ż-żewġ intimati huma responsabbli fi grad ta' 15% kull wieħed, għall-inċident mertu ta' dan l-Arbitraġġ li seħħ fil-21 ta' Jannar 2021, fil-limiti tal-Mellieħa u konsegwentement kull wieħed minnhom hu responsabbli għall-15% tad-danni sofferti mir-rikorrent Mario Micallef fl-istess inċident.*

*(iii)* *Jillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b'rizultat ta' dan linċident fis-somma ta' Euro 11,646.87.*

*(iv)* *Jikkundanna lil kull wieħed mill-intimati Rosario Falzon u Vladimir Ivanovic iħallsu 15% tal-ammont hekk likwidat, ċioe Euro 1,747. Għal kull buon fini jiġi iċċarat illi kull wieħed mill-imsemmija intimati qed jiġi ikkundanat li jħallas lir-rikorrenti Euro 1,747 in linea ta' danni sofferti mir-rikorrent b'riżultat ta' dan l-inċident.*

*(v)* *L-ispejjeż ta' dan l-Arbitraġġ inkorsi mis-soċjetà White Brothers Limited u mis-soċjetà Creations the Ultimate in Bathroom Elegance Ltd għandhom jitħallsu kollha mir-rikorrenti.*

*(vi)* *L-ispejjeż l-oħra kollha ta' dan l-Arbitraġġ għandhom jiġu sopportati in kwantu għal 70% mir-rikorrenti u in kwantu ghal 15% minn kull wiehed mill-intimati Rosario Falzon u Vladimir Ivanovic.*

*(vii) L-interessi fuq l-ammont pagabbli lir-rikorrenti mill-intimati għandhom jibdew jgħaddu mid-data ta' dan l-Award.*

**Fatti**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku [minn issa 'l quddiem 'l-inċident'] li seħħ fil-21 ta' Jannar, 2021, f'Triq il-Marfa, l-Mellieħa. Jingħad li l-vettura numru ta' reġistrazzjoni HHQ-097 misjuqa mill-intimat Rosario Falzon [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Falzon'], proprjetà tas-soċjetà intimata White Brothers Limited [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà intimata White Brothers'] u assikurata mis-soċjetà Atlas Insurance PCC Ltd, u l-vettura numru ta' reġistrazzjoni BCG-251 misjuqa mill-appellat Vladimir Ivanovic [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Ivanovic'], proprjetà tas-soċjetà appellata Creations the Ultimate in Bathroom Elegance Limited [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà intimata Creations'] u assikurata mis-soċjetà MAPFRE Middlesea, it-tnejn kienu pparkeġġjati fl-imsemmija triq wara xulxin. Il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ECH-192 li kienet misjuqa minn Massimo Micallef u proprjetà tar-rikorrent, kienet nieżla f'dik it-triq meta ħabtet mal-vettura numru ta' reġistrazzjoni NHQ-097.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri fiċ-Ċentru permezz tal-preżentata ta' Avviż ta' Arbitraġġ u Talba fid-9 ta' Lulju, 2021, fejn talab lill-Arbitru sabiex jiġu llikwidati d-danni, fejn l-istess danni kellhom jitħallsu lilu mill-intimati.

4. L-intimat Falzon eċċepixxa kif ġej:

"1. *Illi t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu respinti stante li l-inċident awtomobilistiku* de quo *ma kienx imputabbli għal xi ħtija jew nuqqas da parti tal-esponent Rosario Falzon iżda seħħ unikament bi ħtija tas-sewwieq Massimo Micallef waqt li kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ECH 192 hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri.*

2. *Għalhekk, fejn jirrigwarda l-esponent, m'hemmx danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrent. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, dwar il-*quantum *tad-danni pretiżi mir-rikorrent, dan għandu jiġi pruvat skont il-liġi.*

3. *Għaldaqtant, m'hemmx lok għall-kundanna tal-esponent għall-ħlas ta' danni favur ir-rikorrent.*

4. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi u bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."*

5. Is-soċjetà ntimata White Brothers wieġbet fis-26 ta' Lulju, 2021, fejn eċċepiet is-segwenti:

"1. *Illi, preliminarjament, jiġi eċċepit illi t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in kwantu diretti kontra s-soċjetà esponenti White Brothers Limited stante li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-istess rikorrent u l-imsemmija soċjetà White Brothers Limited. Ġialadarba bejn dawn iż-żewġ partijiet ma kien hemm, u qatt ma jista' jkun hemm, l-ebda rapport kontrattwali jew obbligu ġuridiku [li jitnissel* ex nunc *minn xi aġir extra-kontrattwali] li jorbothom flimkien ai finijiet tal-preżenti proċeduri, isegwi għalhekk li s-soċjetà esponenti White Brothers Limited m'hiex il-leġittimu kontradittriċi għal-lanjanzi tar-rikorrent u għandha għalhekk tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u għas-sussegwenti, għal dak li jirrigwarda l-mertu, it-talbiet rikorrenti hekk kif diretti kontra s-soċjetà esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti.*

3. *Isegwi għalhekk li, fejn jirrigwarda s-soċjetà esponenti White Brothers Limited, m'hemmx danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrent. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, dwar il-*quantum *tad-danni pretiżi mir-rikorrent, dan għandu jiġi pruvat skont il-liġi.*

*4. Għaldaqstant m'hemmx lok għall-kundanna tas-soċjetà esponenti White Brothers għall-ħlas ta' danni favur ir-rikorrent.*

*5. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi u bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

6. L-intimat Ivanovic u s-soċjetà intimata Creations wieġbu fid-9 ta' Awwissu, 2021, fejn ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

*"L-intimat Vladmir Ivanovic jiċħad illi huwa kien involut f'xi inċident stradali nhar il-21 ta' Jannar 2021 ġewwa Triq il-Marfa, il-Mellieħa, u ċertament illi ma kellu ebda impatt mal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ECH192 proprjetà tar-rikorrenti Micallef; Illi b'hekk la huwa u lanqas sid il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BCG251 u ċioe l-intimata Creations the Ultimate in Bathroom Elegance Limited ma huma responsabbli għall-ħlas tad-danni reklamati mir-rikorrenti.*

*Illi in vista li l-esponenti qegħdin jirrespinġu r-responsabilità tal-akkadut, huma m'għandhom isofru l-ebda spejjeż tal-preżenti u ta' kwalsiasi att ġudizzjarju fl-ismijiet premessi.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandu jressaq il-prova tad-danni realment subiti minnu."*

## Il-lodo arbitrali

7. L-Arbitru għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet li wassluh għad-deċiżjoni tiegħu:

*"Illi dan l-Arbitraġġ jirrigwarda inċident stradali li seħħ fil-21 ta' Jannar 2021, fi Triq il-Marfa, Mellieħa. Il-vettura numru HHQ-097 (misjuqa minn Rosario Falzon, appartenenti lil White Brothers Limited u assikurata minn Atlas Insurance PCC Ltd), il-vettura BCG-251 (misjuqa minn Ivanovic Vladimir appartenenti Creations the Ultimiate in Bathroom Elegance Limited, u assikurata mis-Soċjetà MAPFRE Middlesea) kienu t-tnejn ipparkjati fit-Triq il-Marfa fejn effettivament seħħ l-inċident. Il-vettura ECH-192 (misjuqa minn Massimo Micallef u tappartjeni lir-rikorrent Mario Micallef), kienet nieżla fi Triq il-Marfa u ħabtet mal-vettura H HQ-097 li kienet parkeġġjata fl-istess triq.*

*Illi l-intimat Rosario Falzon daħħal risposta għad-domandi tar-rikorrenti premezz tal-Avukat Dr Alessia Zammit McKeon. Risposta separata ġiet preżentata mill-istess difensur f'isem is-Soċjetà White Brothers Limited.*

*Illi s-Soċjetà White Brothers Limited eċċipiet preliminarjament illi t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu diretti lejha għandhom jiġu miċħuda billi ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejnha u r-rikorrenti. Għalhekk is-Soċjetà White Brothers Limited tikkontendi preliminarjament illi hi ma hix il-leġittima kontraditriċi tar-rikorrenti.*

*Illi l-intimat Vladimir Ivanovic u s-Soċjetà Creations the Ultimate in Bathroom Elegance ippreżentaw risposta waħda għad-domandi tar-rikorrenti permezz tad-difensur Dr Nadia H. Vella.*

*L-istess Soċjetà White Brothers Limited u l-intimati l-oħra kollha ċaħdu kwalunkwe responsabiltà għall-inċident in meritu u għad-danni konsegwenzjali.*

*Lokalità tal-Inċident*

*L-inċident seħħ il-Mellieħa fil-bypass li jibda ftit il-barra mill-villaġġ u jinżel sa l-Għadira.*

*Fil-Vehicle Accident Report - Dok IV5 din it-Triq hi indikata bħala Triq il-Marfa, iżda fis-smigħ tal-provi hemm riferenza għaliha bħala Dawret il-Mellieħa, fl-istess* accident report *hemm numru ta' ritratti meħuda mill-warden li investiga l-inċident. Dawn juru x'sab il-warden fuq il-post tal-inċident.*

*Fil-maġġior parti tagħha din it-Triq hi pjuttost serpeġġjanti. Fil-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident it-triq tibda b'żewġ karreġġjati, iżda hemm żewġ liwjiet xulxin b'distanza ta' bejn wieħed u ieħor 150 metru bejniethom. L-ewwel liwja tikser fuq il-lemin u t-tieni waħda tikser fuq ix-xellug.*

*Di più bejn iż-żewġ kurvi t-triq tagħlaq u minn żewġ karreġgjati fil-parti ta' fuq tagħha tinżel għall-karreġġjata waħda, b'mod illi l-karreġġjata ta' mas-*Central Strip *tagħlaq u t-triq tispiċċa b'kareġġjata waħda biss. Kien f'dan il-punt li fih seħħ l-inċident.*

*Id-Dokument MMM esibit mir-rikorrenti fih numru ta' ritratti, kemm mill-arja kif ukoll mil-livel tat-triq li juru il-formazzjoni tat-triq fil-punt immedjatament qabel il-kurva li hemm ftit qabel il-post li fih seħħ l-inċident, u d-distanza bejn l-imsemmija kurva, il-post tal-ħabta, u t-tieni kurva fejn it-triq tagħlaq għall-karreġġjata waħda.*

*Ara wkoll ir-ritratti tal-lokalità tal-inċident meħuda mill-Arbitru waqt l-aċċess. Dawn huma annessi mal-verbal tal-aċċess.*

*Issir riferenza għal Dokument MMM. Dan id-dokument jikkonsisti f'disa' (9) folji markati mill-Arbitru Fol (i) sa Fol (ix):*

Fol *(i) Ritratt A - it-triq de quo qabel l-ewwel kurva;*

Fol *(ii) Ritratt B - it-triq de quo ftit metri qabel il-kurva;*

Fol *(iii) u (iv) Ritratti Ċ: l-ewwel kurva u l-parti tat-triq li fiha seħħ l-inċident, fejn tiddritta għal numru ta' metri. F'din il-parti tat-triq kienu ipparkjati l-vann Isuzu u t-*trailer *li miegħu ħabtet il-vettura proprjetà ta' Mario Micallef u misjuqa minn Massimo Micallef.*

*Ritratti D u E: juru l-istess parti tat-triq fejn seħħ l-inċident mertu ta' dan l-Arbitraġġ*

*Fir-ritratt Ċ* fol *(iii) ritratt ta' isfel tidher il-vleġġa impinġija fuq it-triq li turi li t-triq ser tagħlaq għall-karreġġjata waħda.*

*Ir-ritratt D* fol *(v) ir-ritratt ta' taħt juri vleġġa oħra fl-art li turi li t-triq kienet qed tagħlaq għall-karreġġjata waħda u żewġ sinjali tat-traffiku mwaħħla ma' żewġ* poles *tal-elettriku li jindikaw l-istess ħaġa.*

*Ir-ritratt B – (*fol *(ii)) – ir-ritratt ta' taħt fihom sinjali tat-traffiku li jindikaw illi t-triq de quo kienet ser tagħlaq għall-karreġġjata waħda f'distanza ta' 180 metru.*

*Dan ir-ritratt ittieħed madwar 25 jew 30 metru qabel ma tibda l-ewwel kurva – ċioè dik li hemm qabel il-post fejn seħħ l-inċident.*

*Ara wkoll ritratt B fuq fil-*fol *(ii).*

*Fir-ritratt ta' fuq li hemm a* fol *(v) tad-Dokument IV5 tidher ċarissima l-vleġġa li hemm mpinġija fl-art li terġa' turi illi t-triq kienet ser tagħlaq minn żewġ karreġġjati għal waħda. Ara wkoll ritratt markat FG3.*

*Dan il-fatt hu rifless ukoll fir-ritratti markati Dok MMR, IV2 u IV3 meħuda fuq il-post tal-inċident dakinhar stess li seħħ l-inċident.*

***<u>Il-Liġi u l-Ġurisprudenza Rilevanti għall-Każ in Meritu</u>***

*Ir-responsabbiltà tal-inċident tiġi stabbilita meta tiġi identifikata l-kawża prossima u immedjata tal-inċident.*

*M'hemmx kontestazzjoni li l-vettura tar-rikorrenti kienet qed tinstaq filwaqt illi l-vetturi misjuqa mill-intimati Falzon u Ivanovic kienu stazzjonarji.*

*Hemm ġurisprudenza kostanti mill-Qrati tagħna illi in pessima ipotesi, vettura stazzjonata qatt ma tista' tinstab unikament responsabbli għall-ikkawzar tal-inċident.*

*Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili illi* "kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."

*Prinċipju legali relatat, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tiegħu jżomm* a proper look out. *Fil-kawża* ***Thake noe vs Newell****, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 1994 intqal is-segwenti;*

**"Il-fatt biss li vettura tkun ipparkjata ħażin, ma jirrendix lis-sid ta' dik il-karrozza ħati tal-ħabta, għax hu d-driver li jkun qed isuq illi għandu l-obbligu li jżomm " a proper look out", li jara dak li hu "in plain view", u li jkollu l-vettura dejjem taħt kontroll sħiħ b'mod li jkun jista' jieħu tempestivament "evasive action" biex jevadi kull ostakolu li jippreżenta ruħu quddiemu. Kwindi, anke f'dan il-każ, mhux daqshekk importanti fejn kien wieqaf l-attur, iżda jekk il-konvenut setax jevita l-ħabta."**

*Kif jingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet* ***Adrian u Josianne konjuġi Thewa v Cristino Cassar*** *deċiża fl-20 ta' Jannar 2005:*

*Hu "*principju li sewwieq għandu l-oneru li fis-sewqan tiegħu juża dik id-diliġenza mistennija minn bonus pater familias"

*Jingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***Farrugia vs Meli****, deċiża fid-29 ta' Ottubru, 2003, enunċjat hekk:*

"Il-prinċipju legali bażilari li għandu jirregola s-sitazzjoni in disamina huwa assodat fil-ġurisprudenza u hu fis-sens li s-sewwieq... qabel ma jagħmel il-manuvra tiegħu ta' inserzjoni, għandu jesplora tajjeb u b'mod diliġenti t-triq prinċipali u għandu jinserixxi ruħu fiha unikament meta jkun ċert li jista' jagħmel dan mingħajr riskju u perikoli. Għandu jaċċerta ruħu li jibda, jkompli, u jittermina din il-manuvra mingħajr perikolu jew xkiel għat-traffiku li jista' jkun għaddej mit-triq prinċipali kemm fuq il-first lane kif ukoll fuq is-second lane.... Aktar ma tkun popolari u traffikuża t-triq prinċipali, akbar ikun l-oneru u l-grad ta' attenzjoni li għandu jeżerċita s-sewwieq awtur tal-manuvra."

***<u>Provi</u>***

*L-Arbitru ikkonsidra:*

*Illi l-unika persuna li kienet preżenti fil-ħin tal-inċident kien ix-xhud Massimo Micallef, li kien isuq il-vettura ECH-192. Ma ġie prodott ebda xhud ieħor li assista għall-inċident. Fiċ-ċirkostanzi l-Arbitru hu tal-fehma li jkun utli illi isir referenza ampja għad-depożizzjonijiet tiegħu.*

***<u>Il-Vettura involuta fl-Inċident</u>***

*Fid-deposizjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2022, l-istess Massimo Micallef iddeskriva din il-vettura bħala Lancia Delta HF Turbo tal-1989. L-Affidavit Massimo Micallef żied jgħid:* "Il-vettura tagħna kienet 'classic car' u għalhekk ma fihiex ċertu features bħal 'Anti-lock Brake System' li għandhom il-karozzi moderni."

"Il-Lancia Delta li kont isuq fl-inċident hi Turbo. Ma nafx x'ċilindrata jew horse power għandha però kienet antika u ma tiġrix ħafna fil-fehma tiegħi. Hi karozza petrol."

*Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2023, ir-rikorrent Mario Micallef speċifika illi ċ-cilindrata ta' Lancia de quo kienet ta' 1600cc.*

***F'dan il-punt hu utili illi isir riferenza għas-segwenti ritratti esibiti f'dawn l-atti, ċioe (1) dak ta' fuq f'paġna 3 tal-affidavit ta' Massimo Micallef, (2) ir-ritratt ta' taħt f'paġna 9 u (3) ir-ritratt ta' taħt f'paġna 10 tal-istess dokument. Minn dawn ir-ritratti jirriżulta ċar illi l-vettura ECH-192 misjuqa minn Massimo Micallef fil-ħin tal-inċident illi kienet*** **Left Hand Drive***.*

*Mid-diversi ritratti fuq indikati, esibiti mill-istess Massimo Micallef jirriżulta illi n-naħa tal-lemin tal-vettura ECH-192 ħabtet mal-vettura* (Low Loader) *HH1-097.*

*Ir-ritratt enumerat 3* a fol *3 tal-affidavit ta' Massimo Micallef juri din il-vettura fejn spiċċat wara li waqaf għal kollox l-inċident.*

*Ir-ritratti esibiti fil-paġna 6 tal-imsemmi affidavit juru l-istess vettura qed tiġi mneħħija minn fuq il-post tal-inċident, u dawk fil-paġna 9 u 10 tal-istess dokument juru l-ħsarat illi l-imsemmija vettura ġarbet b'riżultat tal-ħabta.*

*Fis-seduta tas-16 ta' Frar 2022, Massimo Micallef iddikjara wkoll illi wara l-inċident il-vettura de quo ġiet dikjarata* 'total loss' *u illi r-*replacement value *tagħha kien jammonta għal Euro 20,000. Fir-rigward esibixxa Dok MM1 li fih 10 paġni. Ara wkoll d-dokumentazzjoni esibita mir-rikorrenti innifsu permezz tan-Nota tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2021.*

*Peress illi dan l-ammont jesorbita mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal* – Ratione Valoris – *fl-imsemmija seduta Dr Franco Galea f'isem ir-rikorrent Mario Micallef iddikjara illi għal finijiet ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti kien qed jillimita l-pretensjoni tiegħu għad-danni sal-ammont ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal ċioe Euro 11,646.87.*

***<u>Id-Dinamika tal-Inċident</u>***

*L-Arbitru ikkonsidra:*

*Illi Massimo Micallef ta l-verzjoni tiegħu ta' kif seħħ l-inċident de quo, permezz ta' affidavit konfermat quddiem il-Kummissarju għall-ġuramenti fil-11 ta' Mejju 2022. Dan id-dokument jinsab fl-atti, fih 14-il paġna, u jinkludi numru ta' ritratti.*

*Il-parti tal-affidavit li fiha Massimo Micallef jiddeskrivi d-dinamika tal-inċident hi s-segwenti:*

"Malli kont ħiereġ mil-liwja ta' fejn tindika l-vleġġa f'ritratt numru 1, sibt il-vann Isuzu abjad (ritratt numru 2) ipparkjat fil-karreġġjata tax-xellug li kont qed insuq fiha kif spjegajt qabel.

Ma stajtx naqleb il-kareġġjata mill-ewwel peress il kien hemm vetturi oħra miegħi fit-triq ġejjin min-naħa tal-lemin biex jidħlu għall-karreġġjata tax-xellug, il-karreġġjata li kont fiha jien, u l-vetturi weqfin. F'sekonda kelli, nara li mhux ta' periklu naqleb il-karreġġjata, li m'hemmx vetturi maġenbi jew warajja x'ħin naqleb il-karreġġjata, immur fil-karreġġjata tal-lemin u nerġa' naqleb lura għall-karreġġjata tax-xellug, wara li evitajt il-vann Isuzu wieqaf ipparkjat.

Appik kif evitajt il-vann Isuzu ipparkjat, sibt it-truck/trailer ma' wicci (Ritratti numru 3,4 u 5).

Dan kien wieqaf fil-karreġġjata tax-xellug ukoll. Dak il-hin, b'mod ovvjament, instintiv, irrealizzajt li ma stajtx nevitah b'manuvra tas-sewqan u għafast il-brakes f'daqqa. Ta' min wieħed jispjega li meta tkun qed issuq u tagħfas il-brakes, naturalment, it-toqol kollu tal-karozza, ser imur fuq quddiem. Meta tkun f'liwja u tagħfas il-brake, hemm ċans kbir, li l-karozza tieħdok minn wara, kif ġara lili. Il-vettura tagħna kienet "Classic Car" u għalhekk ma fihiex ċertu features bħall-"anti-lock brake system" li għandhom karozzi moderni.

Din il-ħabta seħħet biss minħabba li kien hemm dawn il-vetturi weqfin fejn mhux suppost, bla ebda sinjal, warden, tabelli, cones, jew imqar xi ħadd qabel il-vetturi jindika li hemm vetturi weqfin fil-karreġġjata. Fil-fatt, għaddejt ħafna drabi qabel minn din it-triq bl-istess karozza u qatt ma kelli problemi jew inkwiet ta' xi inċident.

Ma kien hemm ħadd għassa/attent fuq il-vetturi, tant hu hekk, li dam iktar minn għaxar minuti sakemm xi ħadd responsabbli għall-vetturi ħareġ u ra x'ġara."

*Huwa gie kontro-eżaminat mid-difensur Dr Alessia Zammit McKeon fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2023, l-5 ta' Mejju 2023, kif ukoll fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2023.*

*Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2023, in kontro-eżami Massimo Micallef xehed hekk:*

*"***Domanda**: Fl-affidavit tiegħek semmejt li kont issuq il-vettura proprjetà tal-papà tiegħek meta seħħ l-inċident - kemm kont ilek isuqha?

**Risposta:** Min-Novembru 2020. Ġibt il-liċenzja f'Ottubru 2020. L-inċident seħħ Jannar 2021. Kont nuża l-istess vettura xi darbtejn fil-ġimgħa...

Sa fejn niftakar hemmhekk hemm tabella ta' speed sign ħafna qabel il-liwja. Nesibxxi ritratt tat-triq fejn hemm tabella li turi l-ispeed limit li juri wkoll il-vetturi li magħhom kelli l-inċident – **Dok MMR**. Ma nistax ngħid kemm kont għaddej, però meta nara tabella dejjem nara jekk inhix qiegħed mal-limitu u jekk ma nkunx mal-limiti nnaqqas. Ma nistax ngħid jekk fil-ħin tal-inċident kontx għaddej b'41 jew 39 fis-siegħa.

Fil-ħin tal-inċident kelli karrozzi kemm ħdejja u kemm warajja waqt li kont insuq. Fl-outer lane kelli karrozzi ftit lura minni. Ħadd minn dawn ma kien involut fl-inċident. Il-vetturi li kelli warajja kienu aktar lura u dawn ukoll ma kienux involuti fl-inċident. Ħadd ma waqaf meta seħħ l-inċident li fih kont involut jien. L-inċident seħħ meta kien għadu d-dawl.

Il-viżwali li kelli jiena ma kienitx twila minħabba l-liwja. Mir-ritratt Dok MMR wieħed jista' jieħu idea tat-tul tal-viżwali li kelli jien u ġej mal-liwja. Ma nistax ngħid fejn kont meta rajt il-vann Isuzu ipparkjat. Nista' ngħid biss bejn wieħed u ieħor. Qed nindika fuq ir-ritratt MMR fejn kont bejn wieħed u ieħor bl-ittra '**X**' u niffirma ħdejha.

Fl-istess ritratt hemm jidher vann abjad. Dak ma kienx hemm fil-ħin tal-inċident, però kien ftit metri aktar lura u aktar 'il barra fil-karreġġjata.

Jien qbiżt il-vann abjad u erġajt ippruvajt nibda nidħol fil-karreġġjata, iżda malli lmaħt it-trailer quddiemi għafast il-brake f'daqqa. Wara l-inċident Alex Abdilla ressaq il-van Isuzu 'il quddiem madwar 20 metru. Jien kellimtu u hu reġa' irreversjah għal bejn wieħed u ieħor fejn kien meta seħħ l-inċident. Ir-ritratt MMR juri l-vann l-abjad fejn tressaq lura meta jien ikkomplenjajt ma' min kien ċaqalqu 'l quddiem.

Meta kont qed naqbeż lill-vann abjad dħalt fil-karreġġjata ta' barra u meta erġajt bdejt dieħel indunjat bit-trailer għall-ewwel darba."

*Fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2023, l-istess xhud xehed hekk in kontro-ezami:*

"It-tabella li tindika li t-triq ser tagħlaq f'karreġġjata waħda tinsab 180 metru qabel. Din rajtha u għalhekk kont ġa bdejt inżomm mal-karreġġjata tax-xellug. Meta wasalt fil-posizzjoni X li jiena mmarkajt fid-Dokument MMR jiena rajt il-vann Isuzu. It-trailer ma rajtux dak il-ħin rajt il-vann Isuzu. Naqbel illi t-trailer hu aktar għoli. Malli rajt l-Isuzu ħarist fil-mera biex nara li nista' mmur lura fil-karreġġjata tal-lemin, qlibt il-karreġġjata u immedjatament bdejt dieħel fil-karreġġjata tax-xellug u rajt lit-trailer li kien ipparkjat quddiem il-vann Isuzu. Ma nistax ngħid kemm kien hemm spazju bejn il-vann u t-trailer. It-trailer rajtu l-ewwel darba malli qbist il-Vann Isuzu….

L-inċident seħħ fid-dawl tax-xemx, però kien imsaħħab. Fit-triq ma kienx hemm ebda sinjal biex jindika illi kien hemm vetturi wieqfa fit-triq. Minn hekk jien ikkonkludejt illi l-vetturi wieqfa ma kellhomx permess. Ma għamilt ebda verifika oħra."

*Fis-seduta 18 ta' Settembru 2023, in kontro-eżami Massimo Micallef spjega hekk:*

"...Il-vann li hemm jidher fir-ritratt 2 ta' dawn in-notamenti ma kellux hazard lights mixgħula meta jiena kont qed nipproċċja l-post fejn kien ipparkjat. Fir-ritratt il-van jidher b'dawl jixgħel fuq iż-żewġ naħat fil-faċċata ta' quddiem, nsostni illi meta kont nieżel jiena dan il-vann ma kellu ebda dawl mixgħul. Malli rajt li dan il-vann ma kellu ebda dawl mixgħul. Malli rajt li dan il-vann kien wieqaf bdejt nagħfas il-brake u malli stajt ħrigt fil-karreġġjata ta' lemin. Nerġa' nindika illi l-post fejn jidher il-vann fir-ritratt numru 2 ma hux l-istess fejn kien meta rajtu jien qabel il-ħabta. Meta għafast il-brake naqqast l-ispeed. Il-brake ma ħsadtux. Fil-ħin li għafast il-brake il-vann kien qiegħed aktar il fuq fin-niżla imma aktar viċin tiegħi.

Malli hrigt fil-karreġġjata tal-lemin tlaqt kemmxejn il-brake bla ma għafast l-accelerator u malli ndunajt bil-low loader ħsadt il-brake u seħħet il-ħabta.

Qed nara l-i*sketch* preparat mill-warden. Qed nara kif gew immarkati l-brakemarks tiegħi, qed niġi mistoqsi jekk naqbilx illi dawn il-brakemarks jirriflettux b'mod tajjeb dak li kien hemm fuq il-post tal-inċident. Nwieġeb li naqbel.

Meta ħsadt il-brake kont fil-karreġġjata tal-lemin, imma r-roti illokjawli u b'hekk ma kellix kontrol tal-karrozza għaliex iddawwar kif iddawwar l-isteering ikun ta' xejn. F'dak il-ħin l-uniku kontroll li kelli kien illi nkompli ndawwar biex flok nieħu d-daqqa ġo wiċċi noħodha fil-ġenb. Malli ħsadt il-brake, f'mument illokjawli r-roti u li stajt nagħmel kien illi nkompli ndawwar biex nevita li naħbat frontalment.

Malli ħriġt fil-lane tal-lemin u ilmaħt il-low loader f'tax-xellug ħsadt il-brake u ġara li ġara. Jien malli ħriġt fil-lane tal-lemin biex naqla' l-vann, iżda ridt nerġa' nidħol fil-lane tax-xellug billi l-karreġġjata tal-lemin kien qed tagħlaq, iżda malli bdejt biex nidħol mill-ġdid fil-karreġġjata tax-xellug ndunjat bil-low loader u ħsadt il-brake. X'ħin ħsadt il-brake kont fil-karreġġjata tal-lemin, u hemmhekk illokjawli r-roti. Rajt il-low loader meta qbizt il-vann Isuzu. Dak il-ħin rajtu l-ewwel darba. Fil-post fejn seħħ l-impatt it-triq kienet għada 2 lane.

Ma nafx kemm kienet eżatt id-distanza bejn il-low loader u l-vann Isuzu.

Ma nistax ngħid kemm kelli speed fil-ħin li r-roti illokjaw."

*Fuq il-post tal-inċident Massimo Micallef tkellem mal-warden li investiga l-inċident u stqarr hekk:*

"Jien kont għaddej fil-lane tal-left. Malli rajt il-BCG-251 ibbrekjat u dħalt fil-lane tar-right. Malli meta ippruvajt nerġa' nidħol fil-lane tal-left sibt it-truck HHQ-097 u għafast il-brake f'daqqa u tlift il-kontroll tal-vettura u spiċċajt skedjajt bin-naħa tal-passiġġier għal ġo HHQ-097" Dok IV5.

*Mid-dokument imsemmi jirriżulta illi din id-dikjarazzjoni ġiet iffirmata minn Massimo Micallef (ara paġna 2 tad-dokument).*

*Xehdu wkoll l-intimati Ivanovic u Falzon:*

*Fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2022, l-intimat Vladimir Ivanovic xehed hekk:*

"On the day of the accident I was employed with respondents Creations Ltd' as a carpenter, delivery person and store keeper. On the day of the accident I was driving the truck ISUZU the registration number of which I don't remember. I came to Malta in 2018. I had an international driving license from Serbia. I will pass a copy to my lawyer Dr Vella. I did not approach Transport Malta for a driving license in Malta. No one told me to park the truck where I actually parked it on the day of the accident. I parked the truck and went down to the entrance of the Sea Bank Hotel to see whether White Brothers had finished off loading the merchandise. The container was inside. The trailer and my truck where on the main road. I parked there because there was no space inside, the back of the Hotel where White Brothers were off loading.

I wanted to collect pallets with tiles from the Sea Bank Hotel, and I could not go in because White Brothers truck was off loading, and I had to collect the pallets from the same point.

The car driven by Massimo Micallef hit the trailer of White Brothers. Both me and the driver of the trailer were to the side road leading to the store at the back of the Sea Bank Hotel. I did not see the accident happen. I only heard the noise."

*Fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2022, l-intimat Rosario Falzon:*

"Fil-jum tal-inċident kont impjegat ma' White Brothers bħala burdnar. Kont insuq it-truck HHQ-097. Fil-ħin tal-inċident kont qed naħdem fuq il-fork lifter. Tellajt miegħi konsenja madum. L-HHQ-097 ipparkajtu mal-ġenb fil-main road. Ma stajtx nidħol fejn xtaqt li nħott, billi hemm bankina ftit għolja biex jidħol il-low loader. Qaluli biex indaħħal il-konsenja minn dik in-naħa, persuna li ma nafx però kien rappreżentant tal-Creations Ltd.

Qed nara r-ritratt numru 10 minn mal-affidavit ta' Massimo Micallef u qed niġi mistoqsi jekk kontx naf b'dan l-unloading bay tal-lukanda Sea Bank u nwieġeb illi ma kontx naf bih. 'Il ġewwa mat-trejqa kien hemm il-container tal-White Brothers. Bdejt inħott il-konsenja li kelli fuq il-low loader l-ewwel biex wara nħott il-container. L-idea

kienet illi nfittex ineħħih minn hemm. Waqt illi kont qed inħott l-aħħar pallet *minn fuq il-low loader u kont dieħel fit-trejqa bih smajt il-ħoss tal-inċident. Smajt brake u ħabta u brake kbir."*

***<u>Konsiderazzjonijiet dwar Responsabiltà għall-inċident</u>***

*Fil-fehma tal-Arbitru kien hemm diversi fatturi li ikkontribew għall-inċident:*

*(i) Ir-raġuni prinċipali li minħabba fiha seħħ l-inċident issib l-oriġini tagħha fin-nuqqas ta'* proper look out *da parti ta' Massimo Micallef, fil-lokalità u fiċ-ċirkostanzi li fihom kien isuq. Massimo Micallef kellu l-obbligu li fis-sewqan jara dak li kien* 'in plain sight'*, u li jkollu kontroll sħiħ tal-vettura illi kien qed isuq b'mod illi jkun f'pożizzjoni li f'każ ta' emerġenza seta' jieħu* 'evasive action'*, biex jevadi kull ostaklu li jippreżenta ruħu quddiemu għall-għarrieda.*

*Massimo Micallef kien isuq vettura* left hand drive*. Wara li issorpassa l-vann Isuzu li kien parkeġġjat fil-korsija tax-xellug, iżda qabel ma ta bidu għal manuvra biex jerġa' jidħol fil-korsija ta' mal-bankina, Massimo Micallef kellu l-obbligu li jaċċerta li seta' jagħmel dan mingħajr perikolu. Għalhekk qabel ma beda l-istess manuvra Micallef kellu jesplora tajjeb il-korsija li ried jidħol fiha, u jaċċerta li seta' jikkompleta l-manuvra li xtaq jagħmel mingħajr ebda perikolu, u b'mod li seta' jibda, jkompli, u jittermina l-istess manuvra mingħajr ma jiffaċċja ebda emerġenza.*

*Micallef kien isuq vettura manifatturata diversi snin qabel l-inċident, u li kienet* left hand drive*, b'magna 1600cc Turbo, li ma kellhiex l-*Anti Lock Brake System*. Dawn il-fatturi kienu jirrikejdu attenzjoni fi grad ogħla minn normal f'min kien isuq tali vettura.*

*Massimo Micallef kien isuq fil-korsija ta' mal-bankina. Meta dar mal-kurva li hemm xi mija u għoxrin (120) metru qabel il-post fejn seħħ l-inċident sab li l-karreġġjata tiegħu kienet imblokkata bil-vann Isuzu. Hu ħareġ fuq il-korsija ta' mas-*central strip*, u billi dik il-korsija kienet tagħlaq f'distanza pjuttost qasira aktar 'l isfel iddeċieda li jidħol fil-korsija ta' ġewwa mingħajr ma skopra sewwa li seta' jagħmel hekk mingħajr periklu. Appena kiser induna bil-*low loader *u sab ruħu f'emerġenza, ma għarafx jikkontrolla l-vettura, ħasad il-*brake *– ħaġa li ma kellux jagħmel billi kien jaf illi l-vettura li kien isuq ma kellihiex* Anti Lock Brake System *– ir-roti ibblokkaw u spiċċa ħabat mal-*low loader.

*Illi għalhekk fil-fehma tal-Arbitru Massimo Micallef għandu jġorr parti mir-responsabiltà għall-inċident fil-percentwali ta' 70%.*

(ii) *Fit-tieni fattur illi ikkontribwixxa għall-inċident kien il-parkeġġar tal-*low loader *fil-korsija ta' mal-bankina fi triq prinċipali, li għalaq il-karreġġjata, bla ma tpoġġew*

*sinjali appositi biex jagħtu pre avviż lil min kien isuq f'dik il-korsija, illi l-istess korsija kienet okkupata.*

*Dawn is-sinjali kienu aktar neċessarji meta wieħed iqis illi l-karreġġjata ta' barra kienet tingħalaq għas-sewqan f'distanza qasira aktar 'l isfel minn fejn ġie parkeġġjat il-*low loader*, b'mod illi t-traffiku kollu, ftit metri aktar 'l isfel, ried bilfors jidħol u juża l-korsija tax-xellug, ċioe dik ta' mal-bankina li fiha kien ġie parkeġġjat il-*low loader*.*

*Għal dan in-nuqqas kien responsabbli Rosario Falzon u għalhekk għandu jġorr parti mit-tort tal-inċident, perċentawli ta'  15%.*

(iii) *It-tielet fattur li ikkontribwixxa għall-inċident kien il-fatt illi fl-istess karreġġjata fejn ġia kien hemm parkeġġjat il-*low loader*, f'distanza mhux twila, wara l-istess* low loader *ġiet parkeġġjata vettura oħra mill-intimat Ivanovic. Dan il-vann ma ntlaqatx fl-inċident, iżda bil-mod li dan il-vann ġie parkeġġjat naqqas konsiderevolment il-viżwali ta' min kien isuq fil-korsija ta' mal-bankina, b'mod li irrenda aktar diffiċli għal min ikun qed isuq f'dik il-korsija li jinduna illi kien hemm aktar minn vettura waħda parkeġġjati quddiem xulxin f'dik il-korsija.*

*Ivanovic ukoll naqas milli jagħmel sinjali appositi minn distanza qabel il-punt fejn ipparkja. Dan is-sinjali kienu neċessarji biex juru illi l-vann kien ipparkeġġjat wara vetturi oħra li kienu aktar 'il quddiem minnu. Dan kien ukoll neċessarju fiċ-ċirkostanzi, billi l-korsija ta' barra kienet  ser tagħlaq f'distanza relattivament qasira u t-traffiku kollu kien qed jiġi dirett biex jidħol fil-korsija ta' mal-bankina.*

*Ivanovic xehed illi hu ħalla il-*blinkers *tal-vann jixgħelu. Dan il-fatt ġie kontestat minn Massimo Micallef.*

*Fi kwalunkwe każ fil-fehma tal-Arbitru d-dawl tal-*blinkers*, jekk kienu mixgħulin, ma kienx biżżejjed fiċ-ċirkostanzi billi l-vann kien, qed jgħatti mill-viżwali tal-parti baxxa tal-*low loader *li kien hemm quddiemu.*

*Illi għalhekk anke l-intimat Ivanovic għandu jġorr parti mir-responsabiltà għall-inċident in meritu perċentwali ta'  15%.*

***<u>Likwidazzjoni tad-Danni</u>***

*Fis-seduta tas-16 ta' Frar 2022, Massimo Micallef stqarr illi l-vettura Lancia involuta fil-inċident – ECH-192, HF Turbo tal-1989 ġiet dikjarata mis-*surveyor *tal-assikurazzjoni bħala* total loss*, u wara riċerka li għamel biex isib waħda bħala, indika illi kienu jinħtieġu Euro 20,000 biex tiġi rimpjazzata (ara Dok MM1). Dan l-ammont kien jeżorbita mill-kompetenza ta' dan it-tribunal.*

> *Iżda Dr Franco Galea għar-rikorrent iddikjara fl-istess seduta illi d-danni pretiżi mill-assistit tiegħu kienu qed jiġu limitati għall-ammont ta' kompetenza ta' dan it-tribunal. Ifisser illi d-danni pretiżi ġew limtati sal-ammont ta' Euro 11,646.67. Dan l-ammot ġie indikat ukoll f'atti tal-Arbitraġġ b'titolu "ammont involut".*
>
> *Mir-ritratti preżentati fl-atti* icto oculo *jidher car illi l-vettura ġiet danneġġjata irrimedjabilment.*
>
> *Inoltre fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2022 sar verbal mid-difensuri tal-intimati li bih iddikjaraw illi "*għar-rigward tal-quantum qegħdin jaqblu illi l-vettura tar-rikorrenti, hi beyond economical repair u jiddikjaraw ukoll illi l-quantum tad-danni reklamat mir-rikorrenti kif limitat għall-kompetenza ta' dan it-tribunal mhux qed tiġi kontestata salva l-eċċezzjoni dwar ir-responsabiltà."
>
> *Għaldaqstant l-Arbitru għall-iskopijiet ta' dan l-Arbitraġġ qiegħed jiddikjara illi d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-inċident in meritu jammontaw għal Euro 11,646.87".*

## L-Appell

8. Ir-rikorrent ħass ruħu aggravat bil-lodo arbitrali u ntavola appell quddiem din il-Qorti fis-26 ta' Lulju, 2024, fejn qiegħed jitlobha sabiex:

> *"...tħassar id-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fil-11 ta' Lulju 2024 fl-ismijiet premessi, u tiddeċiedi dan l-appell billi tilqa' l-aggravji tal-appellant u konsegwentement tilqa' it-talbiet tiegħu fl-intier tagħhom.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati, u bl-imgħax dekoribbli skont il-liġi."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (i) l-Arbitru skarta l-provi tiegħu għal kollox, u anki l-liġijiet applikabbli fir-rigward tal-ħtija tal-intimati; (ii) is-soċjetajiet intimati kellhom jiġu kkunsidrati responsabbli għall-inċident u b'hekk ukoll għall-ħlas tad-danni.

## Ir-risposti u l-appelli inċidentali tal-intimati Falzon u Ivanovic

9. Is-soċjetà intimata White Brothers u l-intimat Falzon wieġbu fid-29 ta' Awwissu, 2024, fejn issottomettew li l-aggravji tar-rikorrent għandhom jiġu

miċħuda, u dan filwaqt li l-intimat Falzon ipprevalixxa ruħu mill-appell prinċipali sabiex intavola appell inċidentali mil-lodo arbitrati fejn qiegħed jitlob lill-Qorti:

> *"...sabiex tilqa' dan l-appell inċidentali u konsegwentement tirriforma s-sentenza hawn appellata, mogħtija fil-ħdax ta' Lulju tas-sena kurrenti (11.07.2024) miċ-Ċentru Malti tal-Arbitragg fl-ismijiet fuq premessi billi teżonerah mill-porzjon tar-responsabbilità lilu attribwita fil-grad ta' ħmistax fil-mija (15%) għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fil-wieħed u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed (21.01.2021), u tgħaddi għalhekk sabiex tilqa' bi sħiħ l-eċċezzjonijiet mressqa mill-esponent.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellant Mario Micallef."*

Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li ma kellux jinżamm responsabbli bl-ebda mod għall-inċident in kwistjoni.

10. L-intimat Ivanovic u s-soċjetà intimata Creations wieġbu fis-27 ta' Settembru, 2024, fejn issottomettew li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda, u dan filwaqt li l-intimat Ivanovic ipprevalixxa ruħu mill-appell prinċipali sabiex intavola appell inċidentali mil-lodo arbitrali, fejn qiegħed jitlob lill-Qorti:

> *"...prevja okkrendo konferma tal-ewwel, it-tielet u l-ħames kap tal-lodo appellat; tirriforma, tvarja, u tbiddel it-tieni, ir-raba', is-sitt u s-seba' kapi tal-istess lodo arbitrali mogħti fil-11 ta' Lulju 2024 miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta fl-ismijiet premessi, ħalli b'hekk teżonera lil Valdimir Ivanovic mill-porzjon tar-responsabilità lilu attribwita fil-grad ta' ħmistax fil-mija (15%) għall-inċident tal-21 ta' Jannar 2021, u tilqa' bi sħiħ l-eċċezzjonijiet mressqa minn Vladimir Ivanovic.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant Mario Micallef."*

Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li m'hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi għaliex huwa għandu jġorr parti mill-ħtija għall-inċident mertu tal-proċeduri.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

11. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-partijiet kif imfissra fl-appell prinċipali u fl-appelli inċidentali, fejn huma jilmentaw mid-deċiżjoni tal-Arbitru fir-rigward tal-ħtija tagħhom għall-inċident in kwistjoni, u dan fid-dawl ta' dak li ġie kkonstatat u deċiż mill-Arbitru, u meħudin in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-istess partijiet fir-risposti rispettivi tagħhom.

12. *L-ewwel aggravju* tar-rikorrent jgħid li l-Arbitru skarta għal kollox il-provi tiegħu, u warrab ukoll il-liġijiet li jipprovdu għall-ħtija tal-intimati għall-inċident in kwistjoni. Jissottometti li l-Arbitru straħ għal kollox fuq il-ġurisprudenza li tikkunsidra li vettura wieqfa ma tista' qatt tinżamm unikament responsabbli għall-inċident, iżda jsostni li l-każ odjern mhuwiex wieħed ta' pparkjar ħażin. Filwaqt li huwa jiċċita dak li qal it-tifel tiegħu Massimo Micallef fl-affidavit tiegħu dwar kif seħħ l-inċident, jagħmel riferiment għal Dok. MMM u għal Dok. IV4 li huwa mehmuż man-nota tal-intimat Ivanovic u s-soċjetà intimata Creations. Jirrileva li l-vann abjad proprjetà tas-soċjetà intimata White Brothers kien tressaq minn fejn kien oriġinarjament, proprju qabel ma ttieħdu r-ritratti, u dan kif xehed l-istess Massimo Micallef in kontro-eżami waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar, 2023. Ir-rikorrent jiċċita wkoll dak li qalu l-intimati Ivanovic u Falzon meta xehdu fil-11 ta' Mejju, 2022. Huwa jsostni li l-Arbitru hawnhekk kellu jikkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-*Highway Code,* u jagħmel riferiment partikolari għal dik is-sezzjoni li tipprovdi għaċ-ċirkostanzi fejn ikun seħħ inċident jew fejn il-vettura tkun waqqfet. Jissottometti li mill-imsemmija dispożizzjonijiet toħroġ ċara n-negliġenza u nuqqas ta' diliġenza tal-intimati

f'ċirkostanzi fejn il-parkeġġ taż-żewġ vetturi sar proprju wara liwja fi triq prinċipali qabel din tagħlaq, u mingħajr ma tpoġġa l-ebda sinjal jew avviż. Isostni li l-lukanda 'Seabank' kienet ħassbet għal sitwazzjonijiet li kienu jirrikjedu li jinħatt materjal, iżda l-intimati ma kienux għamlu użu mill-post allokat għal dan il-għan. Ir-rikorrent jgħid li huwa tassew faċli li wieħed jallega li Massimo Micallef kien qiegħed isuq b'veloċità qawwija, imma l-intimati ma ġabu l-ebda prova ta' dan. Jikkontendi li l-fatt li kienu rriżultaw *brake marks,* ma kienx indikattiv ta' veloċità qawwija, u jgħid li hemm żewġ fatturi li juru l-kuntrarju: (a) Massimo Micallef xehed waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju, 2023, li huwa kellu ħin li josserva dak li kien hemm madwaru qabel m'għamel il-manuvra tiegħu sabiex joħroġ fil-karreġġjata tal-lemin; (b) il-vettura tiegħu ma kellhiex *anti-lock brake system,* u għalhekk anki jekk ma kienx hemm ċertu veloċità, kienu ser jsiru marki fl-art.

*__It-tieni aggravju__* tar-rikorrent huwa li s-soċjetajiet intimati bħala prinċipali tal-impjegati l-intimati l-oħra, kellhom ukoll jinżammu responsabbli għall-inċident in kwistjoni, u b'hekk ukoll għad-danni likwidati. Isostni li ma tressqet l-ebda prova li huma ma kienux obdew l-ordnijiet tal-imgħallmin tagħhom sabiex jagħmlu użu mill-faċilità li kienet tipprovdi l-lukanda għal dak li huma kienu qegħdin jagħmlu.

13. Is-soċjetà intimata White Brothers u l-intimat Falzon isostnu li dak li qiegħed jitlob ir-rikorrent huwa li tiġi ddisturbata d-diskrezzjoni tal-Arbitru, u huma jiċċitaw dak li qalu l-Qrati fis-sentenzi tagħhom dwar meta dan huwa permess li jsir minn qorti tal-appell. Isostnu li fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata, il-Qorti għandha tillimita l-istħarriġ tagħha billi tfittex sabiex tistabbilixxi jekk l-

Arbitru tassew għamel użu mid-diskrezzjoni tiegħu b'mod manifestament ħażin, jew jekk għal xi motiv ieħor saħanistra tirriżulta inġustizzja. Jgħidu li fil-fehma tagħhom l-ebda ċirkostanza minnhom ma tirriżulta fil-każ odjern. L-imsemmija intimati madankollu jgħaddu sabiex jittrattaw il-mertu, u jagħmlu sintesi tal-fatti tal-każ odjern, fejn għamlu aċċenn għas-segwenti punti: (a) l-intimat Falzon kien ipparkja t-*trailer* ma' ġenb il-grada wara s-*Seabank Resort and Spa* fi Triq il-Marfa ġewwa l-Mellieħa, li hija *dual carriageway,* mifruda b'*broken white line,* u b'veloċità massima permissibbli ta' erbgħin kilometri (40km) fis-siegħa; (b) l-intimat Falzon u x-xhud Percy Simpson spjegaw għaliex it-*trailer* ma daħalx fl-*unloading area* tal-lukanda, u għalhekk il-merkanzija nġarret permezz ta' *fork-lifter* operat mill-istess intimat Falzon; (ċ) hekk kif kien ħatt l-aħħar *pallet*, l-intimat Falzon sema' *brake* u ħabta fejn sadanittant kien ipparkja t-*truck* misjuq mill-intimat Ivanovic u proprjetà tas-soċjetà intimata Creations madwar ħamsa u għoxrin (25) metru 'l bogħod mit-*trailer;* (d) Massimo Micallef li kien qiegħed isuq il-vettura tar-rikorrent, u li kien ġab il-liċenzja tas-sewqan sena qabel, xehed li huwa kien daħal fil-karreġġjata tal-lemin hekk kif lemaħ it-*truck,* iżda kif mar biex jerġa' jidħol fil-karreġġjata tax-xellug huwa kien sab it-*trailer,* u b'hekk żamm il-*brakes,* skiddja u daħal fl-istess *trailer;* (e) il-vettura tar-rikorrent ħalliet *brake marks* ta' tletin punt sebgħa metri (30.7m); (f) l-inċident seħħ fejn it-triq kienet dritta; (ġ) is-sewwieq ma kienx jaf jgħid x'kienet il-veloċità massima fit-triq fejn seħħ l-inċident; (g) applikata l-formola sabiex tinkiseb il-veloċità li biha kien qiegħed isuq Massimo Micallef, jirriżulta li huwa kellu veloċità ta' madwar erbgħa u tmenin kilometru (84km) fis-siegħa, u dan ifisser li huwa kien ra t-*truck* meta kien madwar ħamsa u erbgħin (45m) metru bogħod. Meħud dan kollu in konsiderazzjoni, l-intimat

Falzon u s-soċjetà intimata White Brothers jikkontendu li jirriżulta li l-ħtija għall-inċident in kwistjoni kienet biss dik tas-sewwieq Massimo Micallef. Jirrilevaw li hawnhekk l-Arbitru saħansitra kkunsidra li dan kellu juri attenzjoni ogħla min-normal għaliex il-vettura kienet waħda manifatturata snin qabel, kienet *left-hand drive,* kellha magna 1600c Turbo, u ma kellhiex *anti-lock brake system.* Jgħidu li madankollu r-rikorrent jittenta jxejjen dawn il-fatti li ġew ikkunsidrati mill-Arbitru, u saħansitra jinsisti li l-Arbitru warrab ir-ritratti E u F f'Dok. MMM, meta fil-fatt huwa kien elenkahom u ddeskriva dak li kien jirriżulta minnhom. L-intimat Falzon u s-soċjetà intimata White Bros jirrilevaw li dak li kkunsidra l-Arbitru jirrifletti d-dispożizzjonijiet tal-*Highway Code,* u huma jiċċitaw ir-regolamenti 220 u 274. Jikkontendu li l-fatt li Massimo Micallef inħasad hekk kif ra t-*truck* ipparkeġġjat madwar ħamsin (50) metru bogħod quddiemu, juri kemm ma kienx attent, u li s-sewqan qawwi tiegħu ma kienx wieħed xieraq għal dik il-parti tat-triq. Huma jiċċitaw dak li qalu l-qrati dwar l-importanza li sewwieq jirregola s-sewqan tiegħu skont iċ-ċirkostanzi, u jikkontendu li hawnhekk il-*brake marks* kienu indikattivi tal-veloċità qawwija li biha kien qiegħed isuq Massimo Micallef fil-ħin tal-inċident, u liema veloċità kienet ogħla minn dik permissibbli. Jirrileva li mal-impatt il-vettura misjuqa minnu tkissret b'tali mod li ġiet iddikjarata *total loss.* B'riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Anthony Rapa et *vs.* Anthony Chircop et**, jgħidu li jirriżulta li l-Arbitru ma straħx biss fuq id-deċiżjoni fl-ismijiet **Thake noe *vs.* Newell**, u b'hekk iddeċieda li *"Massimo Micallef għandu jġorr parti mir-responsabbilità għall-inċident fil-perċentwali ta' 70%".* Huma hawnhekk jelenkaw id-diversi nuqqasijiet tas-sewwieq, u li diġà kienu ġew mistħarrġa aktar kmieni fir-risposta tagħhom, u jsostnu li l-appell tar-

rikorrent ma jreġix. Dwar it-tieni aggravju tiegħu, l-intimat Falzon u s-soċjetà intimata White Brothers jirrilevaw li l-fatt li din tal-aħħar kienet sid il-vettura, ma kienx ifisser li kien hemm interess ġuridiku min-naħa tar-rikorrent sabiex jintavola l-proċeduri odjerni fil-konfront tagħha, iżda wkoll ma nġabet l-ebda prova li l-intimat Falzon kien qiegħed jaġixxi fuq struzzjonijiet tas-soċjetà intimata. Jirrilevaw li wieħed għandu jagħmel distinzjoni bejn 'interess' u 'interess ġuridiku'.

14. L-intimat Ivanovic u s-soċjetà intimata Creations, dwar l-ewwel aggravju tar-rikorrent jissottomettu li dak li qiegħed jingħad ma jirriżultax mill-provi. Huma jsostnu wkoll li skont il-ġurisprudenza, din il-Qorti bħala qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax faċilment l-apprezzament tal-provi li jkun sar fl-ewwel istanza, u dan isir biss fejn hemm raġuni ġustifikanti. Jissottomettu li fil-fehma tagħhom fil-każ odjern m'għandux ikun hemm eżami mill-ġdid tal-provi, u għalhekk l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tar-rikorrent, huma jagħmlu riferiment għall-pronunzjament tal-Prim'Awla, Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Ottubru, 2007, fl-ismijiet **Isabelle Borg et *vs.* Robert Galea u George Serracino**, u jsostnu li fil-każ odjern m'hemm l-ebda eċċezzjoni għall-massima ġenerali illi sid ta' vettura ma jweġibx għad-danni li jkun ikkaġuna s-sewwieq f'inċident. Jissottomettu li għalhekk m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrent u s-soċjetà intimata Creations, u l-aggravju għandu jiġi miċħud.

15. *L-uniku aggravju tal-intimat Falzon* huwa li ma kellux jġorr xi responsabbilità għall-akkadut. Jissottometti li għalkemm it-*trailer* kien tassew ipparkeġġjat mal-ġenb fil-karreġġjata tax-xellug, huwa qatt m'għalaq l-istess

karreġġjata jew ikkawża xi ostakolu għat-traffiku sabiex jeqleb għal fuq dik il-karreġġjata. Madankollu ġara li mingħajr ma kien jaf, l-intimat Ivanovic kien ħalla t-*truck* xi ħamsa u għoxrin (25) metru bogħod lura mit-*trailer,* u b'hekk naqset il-viżwali b'mod konsiderevoli kif kien konsapevoli l-intimat Ivanovic stess. Għalhekk kien proprju dan tal-aħħar li ħoloq riskju u perikolu għat-traffiku f'dik it-triq, u mhux hu, u dan huwa rifless fil-fatt li s-sewwieq Massimo Micallef kien għafas il-*brakes* hekk kif kien ra t-*truck,* skont kif kien irriżulta mill-marki li bdew min-nofs it-tul tiegħu. Jinsisti li t-*trailer* għalhekk ma kellu l-ebda sehem fl-inċident, għajr għall-fatt li l-vettura misjuqa minn Massimo Micallef waqfet miegħu, fattur li l-Arbitru kkunsidra. Huwa jagħmel riferiment għal dak li ngħad mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Ottubru, 2006, fl-ismijiet **Mark Micallef *vs.* Joseph Ghiller**, u jissottometti li ma kienet saret l-ebda prova sabiex jintwera li l-aġir tiegħu kien ikkontribwixxa b'xi mod għall-akkadut. Għalhekk jgħid li l-Arbitru ma kellux isib li huwa kellu sehem fir-responsabbiltà għall-akkadut.

16. Għal dan l-aggravju r-rikorrent iwieġeb li huwa ma jaqbilx mal-argumenti li qegħdin jitressqu. Jikkontendi li l-fatt li bil-mod li ġie pparkjat it-*trailer* mill-intimat Falzon, ma rriżultax li dan wassal għal xi traffiku jew inċident, ma jnaqqas xejn mill-fatt li kien hemm possibilità kbira li jiġri inċident. Jispjega li proprju f'dik il-parti tat-triq, l-utenti tal-karreġġjata tal-lemin jkunu qegħdin jaħsbu sabiex jeqilbu fil-karreġġjata fejn it-*trailer* kien ipparkeġġjat, peress li l-oħra kienet tagħlaq. Kien għalhekk li s-sewwieq tal-vettura tiegħu Massimo Micallef kien daħal fil-karreġġjata tax-xellug fejn imbagħad sab it-*trailer* quddiemu. Jgħid li għalhekk l-inċident in kwistjoni ma kienx iseħħ li kieku dan kien ipparkeġġjat fil-parkeġġ pprovdut mil-lukanda. Ir-rikorrent jirrileva li

għalhekk is-soċjetà intimata White Brothers kellha titlob lill-impjegati tagħha sabiex jimxu mal-liġi waqt ix-xogħol, u sabiex jipparkeġġjaw fil-parkeġġ imsemmi. Filwaqt li jiddikjara li huwa qiegħed ukoll jistrieħ fuq is-sottomissjonijiet magħmulin fir-rikors tal-appell tiegħu, jinsisti li l-appell inċidentali tal-intimat Falzon u tas-soċjetà intimata White Brothers għandu jiġi miċħud.

17. Fit-tweġiba tiegħu għal dan l-appell inċidentali, l-intimat Ivanovic wieġeb illi huwa ma jaqbilx ma' dak li qiegħed jiġi ssuġġerit, li huwa seta' ħoloq xi perikolu bil-mod kif pparkeġġja t-*truck*. Huwa jargumenta li t-*trailer* misjuq mill-intimat Falzon huwa ferm ikbar u ogħla mit-*truck,* u minn 'Dok. MMR' esebit minn Massimo Micallef waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar, 2023, jirriżulta li ż-żewġ vetturi kienu jidhru *in plain view.* L-intimat Ivanovic jirrileva li għalkemm it-*truck* kien ipparkeġġjat madwar ħamsa u għoxrin metru (25m) 'il bogħod mit-*trailer,* din id-distanza kellha tkun biżżejjed sabiex Massimo Micallef iwaqqaf il-vettura misjuqa minnu jekk kien għaddej bil-veloċità massima indikata għal dik it-triq. Ikkunsidrat ukoll li l-*brake marks* kienu jibdew min-nofs it-tul tat-*truck,* l-imsemmi Massimo Micallef kellu *thinking distance* ta' bejn tnax-il metru (12m) u ħmistax-il metru (15m), li kien ferm qabel ma kien wasal ħdejn it-*truck.* L-intimat Ivanovic jgħid li fid-dawl ta' dan kollu, is-sewwieq Massimo Micallef kien negliġenti u traskurat fis-sewqan tiegħu, u kien anki perikoluż, u jiċċita dak li qalu d-diversi qrati dwar l-obbligu tal-utent tat-triq li jżomm *a proper look-out.* Fl-aħħar sottomissjoni tiegħu, l-intimat Ivanovic iżomm ferm l-argumenti tiegħu kif imfissra fit-tweġiba għall-appell prinċipali, u fl-appell inċidentali mressaq minnu stess.

18. *<u>L-uniku aggravju tal-intimat Ivanovic</u>* huwa li għandu jinħeles minn kull responsabbiltà għall-inċident in kwistjoni. Wara li jiċċita dak li qal l-Arbitru fir-rigward tal-prinċipju legali li s-sewwieq għandu dejjem jżomm *a proper look out,* huwa jagħmel riferiment għall-insenjament tal-Qrati fir-rigward tad-diliġenza tas-sewwieq. L-intimat Ivanovic jirrileva li l-Arbitru kien ikkunsidra li *"Micallef kien isuq vettura manifatturata diversi snin qabel l-inċident u li kienet* left hand drive, *b'magna 1600cc Turbo, li ma kelliex* anti lock system", u jissottometti li l-karozzi klassiċi huma neqsin minn ċerti karatteristiċi ta' sigurtà. Fil-każ odjern fejn is-sewwieq kien jaf bl-imsemmija limitazzjonijiet li kellha l-vettura li kien qiegħed isuq, huwa kellu jeżerċita l-kawtela u d-diliġenza skont *bonus paterfamilias,* anki għaliex huwa ma kienx imdorri jsuq il-vettura in kwistjoni kuljum. Isostni li madankollu rriżulta li l-imsemmi sewwieq ma użax prudenza kbira u ogħla fis-sewqan tiegħu. Huwa jiċċita l-verżjoni tal-inċident li ta Massimo Micallef fl-affidavit tiegħu tal-11 ta' Mejju, 2022, u għamel riferiment għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Marzu, 2003, fl-ismijiet **Mizzi Brian R et noe *vs.* Ciappara John** dwar il-grad ta' prudenza li għandu juża sewwieq fejn it-triq tkun għan-niżla u jkun fiha liwja. Jikkontendi li skont ix-xhieda stess tas-sewwieq Massimo Micallef, it-*truck* seta' jarah minn ċertu distanza, li kellha tagħtih l-opportunità li jagħraf li kellu jieħu azzjoni. L-intimat Ivanovic jgħid li meħud in konsiderazzjoni t-tul tal-*brake marks,* ir-*reaction time,* u t-*thinking distance,* jirriżulta li l-imsemmi sewwieq kien ra t-*truck* meta kien madwar ħamsa u erbgħin metru (45m) bogħod minnu. Iżda jgħid li ma kien hemm l-ebda impatt ma' din il-vettura li kellha l-*hazard lights* mixgħulin, u b'hekk seta' jingħad li din ma kinitx tikkostitwixxi perikolu lill-utenti tat-triq. L-intimat Ivanovic jirrileva li t-*trailer* meta mqabbel mat-*truck,* huwa

kbir u goff, u l-probabbilità kbira hija li Massimo Micallef seta' rah ukoll. Jgħid li l-imsemmi sewwieq stess ikkonferma li *"naqbel illi t-trailer hu aktar ogħli",* u għalhekk ma setax jaqbel mal-Arbitru li t-*truck* kien naqqas mill-viżwali tas-sewwieq tal-karreġġjata ta' ġewwa. Jgħid li mhux ikkontestat li bejn it-*truck* u t-*trailer* kien hemm distanza ta' madwar ħamsa u għoxrin metru (25m), jiġifieri sitt darbiet it-tul tal-vettura misjuqa minn Massimo Micallef. L-intimat Ivanovic jiċċita dak li qalu l-qrati fir-rigward tal-prinċipju li s-sewwieq għandu dejjem iżomm *a proper look-out,* u jinsisti li fil-każ odjern Massimo Micallef dan m'għamlux. Huwa jiċċita silta mix-xhieda tiegħu fejn spjega fejn kienu t-*trailer* u t-*truck,* u għaliex l-isemmi *truck* kien ipparkeġġjat fit-triq. Jinsisti li huwa ma setax jidħol lejn il-lukanda bit-*truck,* u dan kien ħallih fit-triq bil-*blinkers* mixgħulin għaliex għaraf li l-utenti tat-triq setgħu jgħaddu minn ħdejh mingħajr perikolu. Jirrileva li skont il-ġurisprudenza huwa aktar importanti l-fatt li l-utenti setgħu jevitawh, u jsostnu illi kif għamlu vetturi oħra skont Massimo Micallef stess, dan seta' għamlu l-imsemmi sewwieq ukoll. L-intimat Ivanovic jgħid li kkunsidrat li l-vettura tal-istess sewwieq kienet ħalliet *brake-marks* ta' tletin punt seba' metri (30.7m), fil-ħin tal-inċident huwa kien qiegħed isuq b'veloċità ta' madwar erbgħa u tmenin kilometru fis-siegħa (84km/hr), fejn il-limitu kien ta' erbgħin kilometru fis-siegħa (40km/hr). L-intimat Ivanovic għal darb'oħra jiċċita l-insenjament tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif espress fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru, 1994, fl-ismijiet **Thake noe *vs.* Newell** li għaliha l-Arbitru għoġbu jagħmel riferiment. B'riferiment ukoll għall-verżjoni li Massimo Micallef ta lill-gwardjan li kien investiga l-inċident in kwistjoni, huwa jissottometti li l-verżjoni mogħtija *a tempo vergine* għandha dejjem tingħata piż konsiderevoli. Jissottometti li d-danni li sofriet il-vettura misjuqa minn Massimo Micallef, tant

li ġiet ikkunsidrata bħala *total loss,* kienu jindikaw veloċità eċċessiva. L-intimat Ivanovic jsostni li fil-fehma tiegħu Massimo Micallef kien tassew qiegħed isuq b'veloċità qawwija, u din ma kinitx tatu l-opportunità li jieħu azzjoni evażiva. Jgħid li b'hekk kien Massimo Micallef waħdu li kien responsabbli għall-inċident.

19. Ir-rikorrent wieġeb għal dan l-appell inċidentali tal-intimat Ivanovic, u jissottometti li huwa ma jaqbilx mal-aggravji u l-argumenti li dan qiegħed iressaq. Huwa jiddikjara li qiegħed jistrieħ fuq l-argumenti li ppreżenta fl-appell tiegħu fir-rigward tal-kwistjoni ta' responsabbiltà għall-inċident in kwistjoni, u jsostni li l-argument tal-intimat Ivanovic li t-tifel tiegħu Massimo Micallef ma żammx *a proper look-out,* ma jiswiex. Huwa jirrileva s-segwenti punti sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu: (a) irriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, li Massimo Micallef kellu l-ħin sabiex iħares fil-mirja tan-naħa tiegħu sabiex jaċċerta li ma kienux ġejjin karozzi; (b) Massimo Micallef kien biddel il-karreġġjata għaliex l-intimat Ivanovic kien ħalla t-*truck* fil-karreġġjata tax-xellug; (ċ) dan wassal sabiex kif osserva l-Arbitru, Massimo Micallef ma setax ikollu *a proper look-out* u jara dak li kien *in plain view,* u b'hekk ma setax jara n-natura tal-vettura li kien hemm wara l-vann; (d) barra minn hekk, jekk seta' ra t-*trailer* minn wara l-vann, huwa ma setax jara kemm dan kien twil u kbir, u b'hekk jagħmel il-manuvra neċessarja sabiex jevita l-inċident. Ir-rikorrent jissottometti li kieku l-vann ma kienx parkeġġjat fejn kien fil-ħin tal-inċident, Massimo Micallef kien ikollu kull opportunità għal *proper look-out,* u b'hekk jevita l-inċident in kwistjoni. Isostni li barra minn hekk ma jreġiex l-argument tal-intimat Ivanovic li l-inċident seħħ riżultat tal-veloċità tas-sewwieq Massimo Micallef. Jgħid li l-*brake marks* setgħu jkunu biss prova li huwa żamm il-*brakes,* iżda mhux tal-veloċità qawwija bħal ma kien f'każ ta' vetturi aktar moderni. Ir-

rikorrenti jikkontendi li jekk tassew huwa kien qiegħed isuq bil-veloċità ta' erbgħa u tmenin kilometru fis-siegħa (84km/h) kif allegat, ċertament ma kienx ikollu ħin sabiex iħares fil-mirja u kien jibqa' dieħel fil-vann minflok. Jgħid li għalhekk l-inċident in kwistjoni kien biss riżultat tan-negliġenza u n-nuqqas ta' diliġenza min-naħa tal-intimati.

20. Il-Qorti tgħid li l-lodo arbitrali huwa maħsub sew, u l-konklużjoni tiegħu hija waħda tajba. Tgħid li hija tikkondividi għal kollox ir-raġunament tal-Arbitru, u tagħmlu tagħha. L-Arbitru qabel xejn ta deskrizzjoni tal-lokalità fejn seħħ l-inċident in kwistjoni, skont dak li rriżulta mid-dokumenti li ġew esebiti mill-partijiet. Irrileva li ma kienx kontestat li Massimo Micallef kien qiegħed isuq il-vettura ta' missieru, mentri l-vetturi l-oħra misjuqa mill-intimat Falzon u l-intimat Ivanovic, kienu weqfin. L-Arbitru kkunsidra li hemm ġurisprudenza kostanti li tgħid li *in pessima ipotesi,* vettura li tkun wieqfa ma tistax tinstab unikament responsabbli bħala kawża ta' inċident. L-Arbitru kkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, iżda wkoll l-obbligu tas-sewwieq li jżomm *a proper look-out,* u hawnhekk iċċita dak li qalu l-Qrati dwar l-imsemmi obbligu.

21. Għal dak li jirrigwarda l-persuni li setgħu kienu preżenti fil-ħin tal-inċident, l-Arbitru rrileva li x-xhud li kien is-sewwieq tal-vettura tar-rikorrenti, Massimo Micallef, kien waħdu preżenti, u ma tressaq l-ebda xhud ieħor. Għalhekk l-Arbitru għadda sabiex eżamina bir-reqqa dak li qal dan ix-xhud. Ikkunsidra d-deskrizzjoni li dan ta fl-affidavit tiegħu fir-rigward tal-vettura misjuqa minnu, fejn qal li *"Il-vettura tagħna kienet* 'classic car' *u għalhekk ma fihiex ċertu features bħal* 'Anti-lock Brake System' *li għandhom il-karozzi*

*moderni",* u *"il-Lancia Delta li kont insuq fl-inċident hi Turbo. Ma nafx x'ċilindrata jew* horse power *għandha, però kienet antika u ma tiġrix ħafna fil-fehma tiegħi. Hi karozza petrol",* u aktar tard ikkonferma li ċ-ċilindrata tal-vettura kienet ta' 1600cc. L-Arbitru għamel riferiment għad-diversi ritratti esebiti flimkien mal-affidavit ta' Massimo Micallef, u rrileva li l-vettura misjuqa minnu kienet *left-hand drive.* Imbagħad ikkunsidra dak li qal dan ix-xhud fir-rigward tad-dinamika tal-inċident, u ċċita estensivament il-verżjoni tiegħu kif imfissra fl-affidavit tiegħu. L-Arbitru ċċita fit-tul dak li qal Massimo Micallef fil-kontro-eżamijiet rispettivi tiegħu, waqt is-seduti tal-11 ta' Jannar, 2023, tal-5 ta' Mejju, 2023, u tat-18 ta' Settembru, 2023. Huwa għamel riferiment wkoll għall-verżjoni li kien ta dan ix-xhud lill-warden *a tempo vergine* fuq il-post tal-inċident, u li ġiet iffirmata minnu. L-Arbitru kkunsidra dak li qalu l-intimati Ivanovic u Falzon waqt li kienu qegħdin jixhdu quddiemu. Imbagħad għadda sabiex stħarreġ il-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, iżda mill-ewwel sewwa għaraf li kien hemm diversi fatturi li kkontribwew għall-inċident.

22. Korrettement għaraf li r-raġuni prinċipali kienet in-nuqqas ta' *proper look-out* min-naħa tas-sewwieq Massimo Micallef, li kellu l-obbligu li jagħraf dak li kien *in plain sight,* u jżomm kontroll sħiħ fuq il-vettura misjuqa minnu, sabiex fejn tinqala' emerġenza huwa jkun jista' jieħu *evasive action*. Il-Qorti tikkunsidra li jirriżulta u m'hemm l-ebda dubju dwar dan, li tassew huwa kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva, saħansitra aktar mid-doppju tal-massimu permess fil-lokalità fejn seħħ l-inċident. Tgħid li huwa proprju s-sewqan b'veloċità qawwija li ma ppermettilux iżomm *a proper look-out* u jagħraf dak li kien *in plain view*. B'hekk huwa ma setax jikkunsidra li t-*trailer* ukoll kien wieqaf,

u mhuwiex miexi fil-karreġġjata li kellha tibqa' nieżla sal-bajja tal-Mellieħa, imma wkoll li dan kellu ċertu tul li ma kienx ser jippermettilu bil-veloċità li biha kien qiegħed isuq, li jerġa' jidħol fil-karreġġjata warajh. Tgħid li ċertament b'veloċità inqas qawwija, fejn saħansitra it-triq kienet għan-niżla, is-sewwieq kien ikollu kull kontroll fuq il-vettura, u l-ħin sabiex jagħraf iċ-ċirkostanzi kollha madwaru, u jieħu azzjoni evażiva mill-ewwel.

23. Għalhekk tgħid li l-Arbitru korrettement irrileva li hekk kif qabeż it-*truck* ipparkeġġjat fil-karreġġjata tax-xellug, u qabel beda l-manuvra tiegħu sabiex jerġa' jidħol fil-karreġġjata viċin il-bankina, is-sewwieq Massimo Micallef kien tenut li jassigura ruħu li ma kienx hemm perikolu, u b'hekk ukoll li ma kienx ser isib ruħu f'emerġenza. Iżda hawnhekk l-Arbitru għaraf li l-vettura misjuqa minnu kienet waħda manifatturata bosta snin qabel, kienet *left-hand drive* b'magna 1600cc Turbo, u ma kellhiex *Anti Lock Brake System,* u għalhekk sewwa ikkunsidra li kien hemm bżonn attenzjoni ogħla min-normal fis-sewqan.

23. Għal dak li jirrigwarda d-dinamika tal-inċident, l-Arbitru rrileva li s-sewwieq Massimo Micallef kien qiegħed isuq fil-karreġġjata viċin il-bankina u xi mija u għoxrin metru (120m) qabel il-post tal-inċident, huwa kien osserva li l-imsemmija karreġġjata kienet ostakolata mit-*truck.* Qal li għalhekk huwa kien biddel il-karreġġjata għal dik fuq il-lemin tat-triq, iżda peress li din kienet tagħlaq fil-viċin huwa ddeċieda li jidħol fil-karreġġjata li kien fiha qabel, u dan mingħajr ma kkonferma li seta' jagħmlu mingħajr perikolu. B'hekk kif kiser sab it-*trailer* quddiemu u ġie rinfaċċjat b'emerġenza, fejn ma kienx jaf jikkontrolla l-vettura billi ħasad il-*brake,* ir-roti b'hekk issakkru, u huwa spiċċa daħal fit-*trailer.*

24. L-Arbitru ġustament sab li t-tieni fattur li kien ta lok għall-inċident in kwistjoni, kien it-*trailer* ipparkeġġjat fil-karreġġjata viċin mal-bankina f'triq prinċipali, u li għalaq l-istess karreġġjata. Huwa sewwa rrileva li dan sar mingħajr ma tqegħdu sinjali li kellhom iservu sabiex jiġbdu l-attenzjoni tal-utenti tat-triq li l-imsemmija karreġġjata kienet okkupata. Ikkunsidra ġustament li s-sinjali kienu essenzjali aktar mis-soltu għaliex il-karreġġjata ta' barra kienet tagħlaq fil-viċin, u b'hekk it-traffiku ftit 'il bogħod kien tenut jagħmel użu mill-karreġġjata tax-xellug fejn kien ipparkeġġjat it-*trailer.*

25. Iżda l-Arbitru korrettement għaraf li kien hemm fattur ieħor li kkontribwixxa għall-inċident. Irrileva li wara t-*trailer* iżda mhux bogħod minnu, kien hemm ipparkeġġjat *truck* misjuq mill-intimat Ivanovic. Qal li dan verament ma ntlaqatx waqt l-inċident, iżda l-post fejn kien tħalla, kien ta' ostakolu għall-viżwali ta' min kien qiegħed isuq f'dik il-karreġġjata li fiha kien ipparkeġġjat, sabiex b'hekk kien aktar diffiċli li min ikun qiegħed isuq fiha jinduna li hemm vetturi oħra pparkeġġjati quddiemu. L-Arbitru tajjeb ukoll irrileva li l-intimat Ivanovic naqas milli jagħmel is-sinjali neċessarji f'distanza qabel fejn huwa kien ħalla t-*truck.* Qal li l-intimat Ivanovic xehed li huwa kien ħalla l-*blinkers* mixgħulin tat-*truck,* fatt li ġie kkontestat mis-sewwieq Massimo Micallef. Stqarr li fi kwalunkwe każ dawn ma kienux biżżejjed fiċ-ċirkostanzi partikolari, għaliex it-*truck* kien qiegħed jgħatti l-viżwali tal-parti l-baxxa tat-*trailer* ipparkeġġjat quddiemu, iżda wkoll il-Qorti tgħid huwa kien qiegħed jostakola l-karreġġjata li fi ftit metri bogħod kienet ser tieħu t-traffiku kollu nieżel għall-bajja. B'hekk l-Arbitru ġustament iddikjara li l-intimat Ivanovic kellu jġorr ħmistax fil-mija (15%) tar-responsabbilità għall-inċident.

25. Kif diġà stqarret il-Qorti, hija taqbel mal-konklużjoni tal-Arbitru, u ma ssib xejn x'tiċċensura f'dak kollu li huwa kkonstata u kkunsidra. Għalhekk tgħid li ma ssibx li l-aggravji rispettivi tal-partijiet huma ġustifikati, u tichadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell prinċipali u anki l-appelli inċidentali, u dan filwaqt li tikkonferma l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tat-tliet appelli għandhom jitħallsu mill-parti li ntavolat l-appell rispettiv.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**